MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 145/2003

**Onorevoli Dr. Alfred Sant**

**vs**

**Onorevoli Dr. Eddie Fenech Adami**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta’ Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti, ai termini ta’ l-Artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta l-konvenut Dr. Eddie Fenech Adami, waqt dibattitu politiku imxandar fuq “Television Malta” il-

Hamis 6 ta' Marzu tas-sena 2003, ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur Dr. Alfred Sant bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu meta allega li bhala Chairman tal-Bord ta' l-Ghazla ta' l-Universita' ta' Malta intervista lill-ibnu u cahhdu milli jidhol bhala student fl-Universita';

2. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-24 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

Illi l-kliem imxandra mhux libelluzi billi jammontaw ghal `fair comment';

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kopja tax-xandira inkriminata;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in generali li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-vertenza odjerna hi naxxenti minn dibattitu politiku sensittiv organizzat taht l-awspici ta' l-Awtorita' tax-Xandir;

2. Illi l-imsemmi dibattitu gie mxandar fl-aqwa tal-hin fuq it-televizjoni mill-Awtorita' tax-Xandir, nhar il-Hamis, 6 ta' Marzu tas-sena 2003;

3. Illi din kienet l-ahhar gurnata li fiha setghu jsiru attivitajiet politici billi fit-8 ta' Marzu tas-sena 2003 kellu jinzamm referendum nazzjonali konsultattiv rigwardanti l-adezjoni ta' Malta fil-Komunita' Ewropea;

4. Illi ovvjament l-imsemmi dibattitu televiz bejn il-kapijiet taz-zewg partiti politici l-kbar kien doverozament jattira l-attenzjoni qawwija ta' l-elettorat;

5. Illi in oltre, l-ghada tad-dibattitu kienet gurnata li fis-sistema taghna ma jkunx permess l-ebda attivita' politika u hija komunement maghrufa bhala "gurnata ta' riflessjoni";

Ikkunsidrat:

Illi l-attur hass ruhu aggravat bil-mod kif gab ruhu l-konvenut f'dan id-dibattitu minhabba s-segwenti:

1. Illi f'hin minnhom il-konvenut iddizinteressa ruhu mis-suggett li fuqu ssejjah id-dibattitu in dizamina u ffoka d-diskors tieghu fil-konfront ta' l-attur personalment;

2. Illi f'din il-fazi tad-dibattitu televiziv in dizamina l-konvenut afferma in sintesi, is-segwenti:

a. Illi l-attur kien "chairman" tal-Bord ta' l-Ghazla ta' l-Universita';

b. Illi meta iben il-konvenut, Beppe, [dak iz-zmien Joseph, (ara fol 3,5,7,26, 116 u t-tieni pagna ta' l-hekk imsejha "Table of Preferences")], kien gie skrutinizzat u intervistat personalment mill-attur fl-imsemmi Bord, addirittura kien l-istess attur li "*… ma dahhaltux…*", (ara fol 10 u kopja tax-xandira de quo fol 13), fil-kors universitarju li ghalih kien applika;

c. Illi l-istess konvenut kompla jzid minaccozament li: "*…dan mhux ser ninsewhom",* (ara fol 10 u kopja tax-xandira a fol 13);

Ikkunsidrat:

Illi l-attur jirrifjuta bl-aktar mod kategoriku li jigi akkollat b'tali affermazzjoni jew responsabbilita', u jsostni illi dan l-attakk hekk premeditat:

1. Kien ghal kollox ivventat; u

2. Kompletament bla bazi;

Illi di piu', l-istess attur jafferma li hu lanqas biss kellu x'jaqsam b'xi mod ma' l-imsemmi iben il-konvenut meta dan kien fil-procint li jkompli l-istudji tieghu fl-universita';

Illi ghalhekk lanqas hu minnu li kien hu li mpedixxa lil dan Beppe sive Joseph milli jidhol l-Universita' stante li kien ghal kollox estraneu ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

Illi l-istess attur jikkonferma li hu kien f'xi zmien jifforma parti u jippresjedi dan il-Bord de quo, izda dan kien ristrett biss ghall-perjodu matul is-sena akkademika 1983-1984 u mhux sussegwentement jew ahjar, matul l-1986 meta jirrizulta li kien gie intervistat l-imsemmi iben il-konvenut;

Illi dan hu kkonfortat mid-deposizzjoni guramentata tas-segretarju tal-Bord in dizamina, (ara fol 47);

Illi l-istess attur jafferma li x-xoghol tal-Bord kien sar bl-akbar trasparenza u strettament skond il-proceduri u a bazi ta' kriterji oggettivi stabbiliti pubblikament fejn "gie wkoll pubblikat rapport dettaljat tax-xoghol tal-Bord", (ara fol 10);

Illi fis-sena akkademika li fiha l-istess attur ippresjeda l-imsemmi Bord jirrizulta li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni f'isem it-tifel tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta effettivament li l-isem Joseph Fenech Adami, (iben il-konvenut), jiffigura bhala wiehed mill-applikanti biex jaccedu l-universita' fir-rapport ta' l-imsemmi Bord ghas-sena akkademika 1986-1987;

Illi l-imsemmi Bord jirrizulta li f'sena akkademika de quo kien kompost mis-segwenti: Lawrence A. Farrugia, president; Connie Bonello; Dr. (illum Onorevoli Imhallef) Joseph Micallef; Alfred Buhagiar; Vincent Esposito; Emanuel Ellul; Dr. Noel Zarb Adami; Peter Baldacchino;

Dr. Anna Mallia; Frederic Fearne; Paul Sultana Trevisan u finalment Benny Borg Bonello bhala segretarju;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi ta’ l-operat ta’ l-imsemmi Bord jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-attur ma kienx membru tal-Bord de quo fil-perjodu bejn l-1986 u l-1987 meta applika iben il-konvenut, u konsegwentement qatt ma attenda ghad-deliberazzjonijiet li kienu jsiru fil-perjodu in dizamina, (ara fol 31,34,39,42 u 48);

2. Illi l-kriterji decizjonali tal-Bord kienu oggettivament iffissati mill-universita’ skond il-ligi u kienu ghalhekk pubblici;

3. Illi dawn il-kriterji kienu jikkonsistu f’puntegg li kienu jinghataw lill-applikanti a bazi tal-kisbiet akkademici taghhom;

4. Illi kien ukoll jinghata puntegg specifiku meta kandidat kien ikun imressaq ghall-assorbiment mill-universita’ meta dan ikun impjegat ma’ terza persuna jew ma’ xi intrapriza;

5. Illi meta xi kandidat kien joggezzjona ghar-rizultat lilu moghti minn dan il-Bord, dan seta’ jipprezenta l-oggezzjoni tieghu lill-istess Bord;

6. Illi wara tali oggezzjoni l-istess Bord kien jikkonduci kollokju strutturat ma’ l-istess kandidat biex ikunu verifikati l-lanjanzi tieghu, liema kandidat seta’ jkun

akkompanjat mill-persuna li kienet tipprezentah lill-Bord bhala impjegat taghha;

Ikkunsidrat:

Illi skond id-deposizzjoni ta' John Sullivan jirrizulta s-segwenti:

1. Illi fil-perjodu de quo hu kien jimpjega lill-iben il-konvenut;

2. Illi meta dan ta' l-ahhar ried jidher quddiem il-Bord de quo, l-istess Sullivan kien mitlub jattendi mieghu;

Ikkunsidrat;

Illi l-memorja tax-xhud de quo tidher karenti f'diversi dettalji u biex jigi evitat dilungar inutili fi procedura, li del resto hi sommarja mhux biss di natura izda wkoll ex lege, qed jigi sintetikament innotat is-segwenti:

1. Illi l-post fejn l-istess xhud isostni li hu u iben il-konvenut iltaqghu mal-Bord gie f'dawn l-atti minnu indikat erroneament;

2. Illi l-fatt li jsostni b'emfasi li f'din l-okkazzjoni li fiha kien prezenti hu l-Bord kien presedut mill-attur hi palezament rigettata mir-rizultanzi kif fuq sintetikament esposti;

Ikkunsidrat:

Illi l-emfasi u c-certezza li biha ddepona l-imsemmi xhud Sullivan li jirrizulta li sahhah il-fehma tal-konvenut bl-informazzjoni li ghaddielu, u li dan min naha tieghu inkawtament ghazel li jibbaza l-asserzjoni tieghu fix-xandira de quo minghajr ma jivverifika l-istess b'mod aktar serju u approfondit, turi karenza serja li wiehed ma jistennihiex f'dan il-livell u f'okkazzjoni fejn ghandu jkun ovvju li la darba tintqal f'dak il-mezz u f'dik ic-cirkostanza kien ser ikollha effett devastanti;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni sostenuta mill-konvenut f'din il-procedura tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi fl-eccezzjoni tieghu illimita ruhu ghall-asserzjoni unilaterali li l-kliem li qal "mhux libelluz billi jammontaw ghal `fair comment'";

2. Illi pero' b'referenza ghal dan il-kliem tieghu fid-dibattitu de quo il-konvenut sussegwentement isostni fid-deposizzjoni guramentata tieghu li:

*"…nirrikonoxxi li dak id-diskors ma kienx preciz…";* (ara fol 18);

3. Illi pero' jkompli jghid li dan kien diskors ta' natura politika rigwardanti s-sistema edukattiva adoperata fil-perjodu in dizamina fejn allura kien qed jindirizza s-sistema u sostna:

*"…Dr.Sant f'dan il-kuntest politiku hu responsabbli li mijiet, anzi eluf, ta' sudenti ma thallewx jidhlu l-Universita' ";*

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti tirrifjuta li tigi traxxinata inutilment f'polemika politika li ma tispettahhiex u qed tinjora ghal kollox dik il-parti tar-rizultanzi ghaliex mhux il-kompitu taghha li tintervjeni f'dan il-kamp;

Illi l-uniku oneru spettanti lilha hu dak li tistabilixxi jekk l-asserzjoni li tirrizulta anke lill-istess konvenut li kienet wahda erronea tinkwadrax taht il-Ligi ta' l-Istampa in dizamina:

Ikkunsidrat:

Illi kif gie ritenut bi kjarezza fid-decizjoni **Reginald Miller vs Harold Scory**, (Volum XXXVI.IV.p.843):

*"…il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"comment" biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun `fair u bona fide' jekk il-fatt attribwit … ma jkunx veru";*

Illi ghalhekk kemm minhabba s-suespost kif ukoll minhabba l-fatt li jirrizulta li dak allegat mill-konvenut ma kienx minnu, l-eccezzjoni tal-"fair comment" ma tistax tigi akkolta stante li l-fatti addebitati lill-attur palezement irrizultaw li ma kienux minnhom;

Illi ghalhekk l-animu libelluz jirrizulta palezement ipprovat;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu f'dan l-istadju jigi ribadit li qabel ma persuna tasserixxi certu addebiti fil-konfront ta' persuna ohra fil-kuntest in dizamina, din ghandha r-responsabbilita' legali u morali li tara li ma tohloqx danni minhabba l-asserzjonijiet taghha fuq il-persuna li tkun il-mira ta' tali asserzjoni;

Illi ghalhekk, ghandu jkun palezement car li meta persuna tonqos milli tivverifika l-allegazzjonijiet taghha qabel ma xxandarhom ma' l-erbat irjiehat, tkun fil-fatt qed tinvita, hi stess, il-kundanna prevista ghall-ommissjonijiet taghha;

Illi dan qieghed jinghad ukoll fl-isfond socjali in dizamina fejn ic-cittadin passiv ghandu d-dritt li jistenna li l-politici li qed jirrapprezentawh jaghmlu hilithom kollha in sostenn tat-tezi politika li jhaddnu - izda dan ghandu dejjem ikun in bona fede u fir-rispett kemm ta' dawk li qed jirrapprezentaw, kif ukoll, tal-persuna l-ohra involuta fil-konfront de quo;

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li waqt id-dibattitu politiku mxandar fuq "Television Malta", nhar il-Hamis, 6 ta' Marzu tas-sena 2003 il-konvenut ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fit-terminu ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248 fil-konfront ta' l-attur bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu meta allega li bhala "Chairman" tal-Bord ta' l-Ghazla ta' l-Universita' ta' Malta intervista lill-iben il-konvenut u cahhdu milli jidhol bhala student l-Universita';

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Vincent Borg vs Victor Camilleri et”** datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

*“Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ LM2000”,* (liema limitu gie issa estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea is-segwenti:

a. Illi l-fatt allegat u attribwit lill-attur mhux minnu;

b. Illi l-konvenut kellu l-mezzi kollha disponibbli biex jivverifika preventivament jekk l-indikazzjonijiet li nghatawlu kienux minnhom izda ma jirrizultax li ghamel dan;

c. Illi ghalkemm sussegwentement il-konvenut irrikonoxxa li ma kienx preciz, xorta wahda ghazel li ma jirrilaxxa l-ebda dikjarazzjoni fir-rigward u illimita ruhu biss ghall-analizi politika li hi ghal kollox irrilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza fil-limiti gurisdizzjonali li hi kolpita bihom din il-qorti;

d. Illi l-konvenut kien qed jokkupa kariga gholja ta’ l-Istat;

e. Illi l-allegazzjoni de quo saret waqt dibattitu politiku li fuqu kienet iffokata sew ix-xena politika f’dak il-mument;

4. Tikkundanna lill-konvenut l-Onorevoli Dr. Eddie Fenech Adami biex ihallas lill-attur l-Onorevoli Dr. Alfred Sant l-ammont ta’ elfejn Lira Maltin, (Lm2,000.00,0), bl-ispejjez ta’ din il-procedura.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------